# FIL-QORTI ĊIVILI – SEZZJONI TAL-KUMMERĊ

# ONOR. IMĦALLEF

# IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum, l-Erbgħa, 10 ta' Jannar, 2024.

**Kawza Nru: 1**

**Rikors Nru: 33/2019 ISB**

**GO Plc (C22334)**

**Vs**

**Mobile Systems Limited (C49536) u b'digriet tal-14 ta' Lulju 2020 ġie maħtur Dr Joseph Brincat bħala kuratur ad litem ta' Mobile Systems Limited (C49536)**

**DAN huwa digriet mogħti fil-miftuħ waqt is-seduta tal-lum għar-rikors imressaq mill-Uffiċċju tar-Riċevitur Uffiċjali tal-5 ta' Ottubru 2022 li jinsab a fol 232 tal-proċess.**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ta' Dr Kevan Azzopardi qua Riċevitur Uffiċjali fil-vesti tiegħu ta' stralċjarju tas-soċjetà Mobile Systems Limited tal-5 ta' Ottubru 2022 (fol 232), illum elevat għall-Bank tal-Ġudikatura, imma liema rikors baqa' sostnut mill-Avukat Ingrid Hamilton qua Riċevitur Uffiċjali.

Rat id-digriet tas-7 ta' Ottubru 2022.

Rat ir-Risposta tas-soċjetà intervenuta Melita Limited tat-18 ta' Ottubru 2022 (fol 237) minn fejn jirriżulta illi hija rrimmettiet ruħha.

Rat ir-Risposta ta' Go Plc tal-31 ta' Ottubru 2022 (fol 239);

Rat il-verbal ta-seduta miżmuma fl-10 ta' Marzu 2023 u dak tas-seduta miżmuma fl-4 ta' Ottubru 2023, inkluż mit-talba magħmula mill-istralċjarju sabiex f'każ illi jkunu milqugħa t-talbiet, ikun awtorizzat l-isgass tal-istess magni.

Rat illi r-rikors tħalla għal-lum għall-provvediment;

## Ikkunsidrat:

Illi t-talbiet illi qed iressaq ir-rikorrent Uffiċċju tar-Riċevitur Uffiċjali huma sabiex il-Qorti:

1. Tordna lir-rikorrenti GO Plc jgħaddu l-pussess ta' oġġetti maqbuda bil-mandat 93/2019 lill-istralċjarju;

2. Tawtorizza lill-istess stralċjarju sabiex bl-għajnuna ta' tekniku jagħmel spezzjoni tal-*mobile payment kiosks* (magni) u jiftaħ u jieħu l-kontenut tal-magni u jiddepożita l-flejjes li jista' jkun fihom ġewwa kont bankarju f'isem il-kumpanija xjolta u jagħmel nota f'dan is-sens fl-atti ta' dan l-istralċ;

3. Tistabbilixxi ammont illi għandu jitħallas minn Go Plc peress illi l-kumpanija ma għandiex assi, u dan sabiex tiġi koperta l-ispiża tal-ġarr u l-ħażna tal-magni mingħand Go Plc għal post ieħor magħżul mill-esponent stralċjarju u wkoll sabiex tiġi koperta l-ispiża tat-tekniku ai termini tal-istima mogħtija minnu (vide fol 235).

Illi l-istralċjarju qed jagħmel dawn it-talbiet wara li ppremetta illi in segwitu għal Mandat ta' Qbid illi sar minn GO Plc kontra l-kumpanija stralċjata (numru 93/2019), kienu nqabdu tmien (8) *mobile payment kiosks* u ammont *cash* fl-ammont ta' €218.05. Jippremetti illi sar Kontro-Mandat. Jgħid illi fit-3 ta' Mejju 2022 saret spezzjoni tal-magni minn tekniku mqabbad minnu fil-kumpless tal-GO Plc fil-Marsa.

Isostni finalment illi l-kumpanija ma għandiex fondi biex tagħmel tajjeb għall-ispejjeż li hemm bżonn isiru u fuq kollox isostni illi skont il-provvediment tal-25 ta' Frar 2021 li permezz tiegħu kienet ordnata l-istralċ tal-kumpanija, is-soċjetà GO Plc kienet ordnata tħallas l-ispejjeż tal-istralċ.

## Ikkunsidrat Ulterjorment:

Illi filwaqt illi s-soċjetà **Melita Ltd** irrimettiet ruħha, is-soċjetà GO Plc opponiet għal dawn it-talbiet. Is-soċjetà GO Plc tikkontendi illi kien sar kontro-mandat u allura ma hemm xejn illi huwa maqbud u allura jsostni illi r-riċevitur uffiċjali huwa liberu illi jieħu l-oġġetti meta jrid mingħajr il-ħtieġa ta' ordni tal-Qorti.

Is-soċjetà **GO Plc** topponi għall-inkarigu ta' tekniku u tgħid illi ma saret ebda prova ta' sforz tar-riċevitur uffiċjali sabiex iġib iċ-ċwievet tal-magni mingħand min kien responsabbli għat-tmexxija tal-kumpanija xjolta. Tikkontendi wkoll illi ma nġibux tlett stimi ta' tekniċi.

Is-soċjetà Go Plc tikkontendi wkoll illi mhux minnu illi l-kumpanija xolta ma għandiex assi u tagħmel referenza għal numru ta' ċedoli ta' depożitu illi saru fil-Qorti b'somom ta' flus depożitati illi s-soċjetà Go Plc tikkontendi illi l-istralċjarju jista' jagħmel tentattiv sabiex jiżbanka.

Finalment is-soċjetà Go Plc tikkontendi illi l-flus depożitati fil-magni huma tagħha peress illi dawk huma flejjes ta' klijenti tagħha illi għamlu użu mill-magni biex appuntu jieħdu servizz tagħha u qatt ma kienu flus tas-soċjetà stralċjata. Isostnu illi l-magni kienu biss detenuti mis-soċjetà stralċjata u l-flus mpoġġija fil-magni qatt ma kienu tas-soċjetà stralċjata, iżda dejjem miżmuma minnha għan-nom ta' Go Plc.

## Ikkunsidrat Ulterjorment:

Illi l-Qorti tqis illi l-istralċjarju jrid jieħu pussess tal-magni u jiftaħhom bil-għan illi jestrapola l-flejjes illi jista' jkun fihom peress illi jikkontendi illi dawk huma flejjes tal-kumpanija stralċjata. Filwaqt illi jirriżulta inkontestat illi l-magni, b'kull ma hemm fihom, kienu fil-pussess tas-soċjetà stralċjata, b'dan kollu Go Plc tikkontendi illi l-flejjes illi jista' hemm fihom huma taġġha, peress illi dawk tħallsu minn klijenti tagħha għal servizzi li hija tat permezz appuntu ta' dawn il-magni, anke jekk il-magni kienu fil-pussess tas-soċjetà stralċjata meta saru l-ħlasijiet mill-klijenti tagħha.

Il-Qorti ma' tqisx illi għandha tkun hi li tiddeċiedi dwar ta' min huma dawn il-flejjes. Mhux kompitu ta' din il-Qorti illi tagħmel dan. Iżda l-Qorti tqis illi huwa kompitu tagħha illi tara illi l-istralċjarju jieħu pussess tal-affarijiet kollha illi l-kumpanija stralċjata kellha fil-pussess tagħha, bil-għan illi ma jintilef xejn minn dak li jista' jkun utili għall-kredituri fil-kors tal-istralċ.

Il-Qorti tirreferi għall-**Artikolu 237 tal-KAP 386** tal-Liġijiet ta' Malta, li jgħid espressament hekk:

> *Meta kumpanija tkun qed tiġi stralċjata mill-qorti, l-istralċjarju jew l-amministratur provviżorju, skont il-każ, għandu jieħu taħt il-kustodja jew il-kontroll tiegħu l-proprjetà kollha u l-jeddijiet kollha li hu jkollu raġuni xierqa jaħseb li l-kumpanija jkollha jedd għalihom.*

Il-Qorti għalhekk tqis illi l-leġislatur ried illi l-likwidatur ikollu s-setgħa illi jieħu fil-kustodja u l-kontroll tiegħu l-proprjetà kollha illi l-likwidatur ikollu raġuni xierqa li jaħseb illi hija tal-kumpanija fi stralċ. Id-diċitura wżata mil-liġi, fil-ħsieb tal-Qorti, ifisser illi l-likwidatur, jekk għandu raġuni jaħseb illi hija proprjetà tal-kumpanija stralċjata, allura għandu jieħu kontroll u kustodja tagħha. Imma dan ma jfissirx illi jekk jiġi ppruvat illi r-raġuni li twassal lil-likwidatur jieħu kustodja u kontroll ta' oġġett hija żbaljata, allura ma jkunx hemm rimedju biex dik id-deċiżjoni u/jew l-azzjoni li twassal lil-likwidatur biex jieħu pussess u kustodja tal-proprjetà ma tiġi mibdula.

Huwa għalhekk illi l-Qorti sejra tilqa' t-talbiet tal-istralċjarju, b'dan però illi jibqgħu mpreġudikati d-drittijiet ta' terzi, mhux lanqas ta' Go Plc, illi jistitwixxu l-proċeduri idoneji, sakemm ma jkunx hemm qbil mal-istralċjarju, sabiex jieħdu dak li jallegaw illi huwa tagħhom u mhux tal-kumpanija stralċjata.

Il-Qorti tfakkar illi *ai termini* tal-**Artikolu 238(1)(d) tal-KAP 386** tal-Liġijiet ta' Malta, stralċjarju għandu s-setgħa illi, bl-awtorizzazzjoni tal-Qorti, *jaghmel kull kompromess jew ftehim mal-kredituri jew persuni li jgħidu li huma kredituri, jew li jkollhom jew li jallegaw li jkollhom xi talba, preżenti jew futura, ċerta jew kontinġenti, aċċertata jew li tista' tkun dovuta bħala danni kontra l-kumpanija jew li biha l-kumpanija tista' tinżamm responsabbli u li jirreferi xi kwistjoni bħal din għall-arbitraġġ*.

Imma sakemm l-oġġetti kienu jinsabu fil-pussess tal-kumpanija stralċjata, il-Qorti tħoss illi primarjament għandha tawtorizza lill-istralċjarju jieħu pussess/kustodja u kontroll tagħhom sabiex jikkawtela l-assi kollha illi l-kumpanija stralċjata kellha jew setgħa kellha, imbagħad tafda fl-istralċjarju illi jagħmel minn dawk l-assi dak illi huwa ġust, skont il-liġi u fl-aħjar interess tal-istralċ biex dan ikun konkluż mingħajr dewmien żejjed u b'mod ġust.

Dwar l-ispejjeż relatati u mitlub, il-Qorti mhix ser tvarja dak deċiż minnha fil-provvediment tal-25 ta' Frar 2021.

**GĦALDAQSTANT**, il-Qorti, qed tiddeċiedi dwar ir-rikors tar-riċevitur uffiċjali tal-5 ta' Ottubru 2022 billi:

1. **Tilqa'** l-ewwel talba u tordna lill-istralċjarju jieħu kustodja u kontroll tal-magni msemmija fir-rikors;

2. **Tilqa'** t-tieni talba u tawtorizza lill-istralċjarju:
   a) jinkariga lit-tekniku fit-termini tal-kontenut tan-nota li tinsab a fol 235 tal-proċess, ukoll jekk ikun hemm bżonn, billi jisgassa l-magni msemmija,
   b) tordna illi jsir inventarju tal-assi kollha illi jiġu estrapolati mill-magni,
   c) tordna illi tali inventarju jiġi ppreżentat permezz ta' nota f'dawn l-atti flimkien mal-kopja tal-irċevuta tad-depożitu fil-bank ta' flejjes li jistgħu jiġu estrapolati, u
   d) tordna wkoll lill-istralċjarju sabiex jiddisponi mill-magni mingħajr wisq dewmien wara illi t-tekniku jkun espleta l-inkarigu tiegħu, u
   e) tawtorizza minn issa lill-istralċjarju sabiex jidħol f'diskussjoni għal kull kompromess jew ftehim mas-soċjetà GO Plc li jidhirlu xieraq u opportun sabiex jkunu evitati proċeduri inutili, b'dan illi tali ftehim jekk ikun il-każ, għandu jiġi awtorizzat mill-Qorti.

3. **Tilqa'** t-tielet talba u tordna lis-soċjetà GO Plc tħallas l-ispejjeż kif mitluba.

**Ian Spiteri Bailey**
**Imħallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Reġistratur**